MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 735/2003

**V.A.B. Company Limited**

**vs**

**Maria Isabella *sive* Marisa Turkdogan u Vincent Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 22 ta' Lulju 2003 fejn esponiet: -

Illi fit-tmienja (8) ta' Mejju 1997 s-socjeta' attrici u l-konvenuta Maria Isabella *sive* Marisa Camilleri kienu iffirmaw "management agreement" (Dok. A), li permezz tieghu l-konvenuta kienet inghatat l-inkarigu sabiex tamministra l-post "Jumbo Lido" ghall-perjodu ta' sitt snin.

Illi *ai termini* tal-ftehim fuq imsemmi, l-konvenuta Maria Isabella *sive* Marisa Camilleri inghatat d-dritt illi tiehu hi kwalsiasi profitti mill-amministrazzjoni tal-fond izda dan bil-kundizzjoni illi thallas lis-socjeta' attrici kumpens ammontanti ghall-ghoxrin elf lira (Lm20,000) fis-sena pagabbli bil-quddiem.

Illi l-konvenuta naqset milli tosserva l-obbligi taghha *ai termini* tal-ftehiem fuq imsemmi u llum hija debitrici tas-socjeta' attrici ghall-somma ta' aktar minn mitt elf lira Maltin (Lm100,000).

Illl fis-7 ta' Awwissu 1998 giet registrata ipoteka generali u wahda specjali fuq l-propjetajiet tal-konvenuta Flat 6 Silver Seas Court Windsor Terrace Sliema kif ukoll fuq il-Flat 15 Verdemar Park esternament bla numru fi triq bla isem li tisbokka f'Salina Coast Road, Salina, meta kienet diga' debitrici tas-socjeta' attrici, u dan in segwitu ghall-kostituzzjoni ta' debitu illi gie ffirmat bejn l-konvenuta u l-konvenut l-iehor Vincent Camilleri illi jigi missier l-konvenuta, u dan li permezz tieghu l-konvenuta kkostitwiet ruhha bhala debitrici ta' missierha l-konvenut l-iehor fis-somma ta' mitt elf lira maltin (Lm100,000) allegatament versati *brevi manu* qabel l-att. Kopja tal-ipoteka annessa u mmarkata bhala Dok. B.

Illi l-imsemmi kostituzzjoni ta' debitu sar b'mod evidenti sabiex il-kreditu tas-socjeta` attrici kontra l-konvenuta Maria Isabella *sive* Marisa Camilleri jigi eluz, u ghalhekk tali kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar George Bonello Du Puis tal-4 ta' Awwissu 1998 kif ukoll l-iskrizzjoni tal-ipoteka generali u dik specjali bin-numru 10616 huma impunjabbli, revokabbli u annullabbli, ghax saru b'qerq, *in frode* u a pregudizzju irrimedjabbli tad-drittijiet tas-socjeta` attrici, b'mod illi l-konvenuta Maria Isabella *sive* Marisa Camilleri giet fl-impossibbilta` li tonora l-obbligazzjonijiet taghha.

Illi ghalhekk huwa evidenti li tant il-kreditur kemm id-debitur kienu *in mala fede* meta ghamlu l-kostituzzjoni tad-debitu kif ukoll l-iskrizzjoni tal-imsemmija ipoteki.

Illi dan l-istat ta’ fatt ma jistax jibqa’ jissussisti bhallikieku ma gara xejn, ghax b’hekk il-konvenuta Maria Isabella *sive* Marisa Camilleri ddenudiet l-assi taghha kollha a pregudizzju tas-socjeta` attrici.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u mehud kwalunkwe provvediment opportun:

1. Tiddikkjara li l-kostituzzjoni ta’ debitu ppubblikat fl-atti tan-Nutar George Bonello Du Puis fl-4 ta’ Awwissu 1998 kif ukoll l-iskrizzjoni tal-ipoteka generali u ipoteka specjali numru 10616, huma revokabbli u annullabbli fil-konfront tas-socjeta` attrici u konsegwentement,

2. Tordna r-rizoluzzjoni tal-kostituzzjoni ta’ debitu u l-iskrizzjoni tal-ipoteka generali u ipoteka specjali numru 10616 ghar-raguni li dan il-kuntratt u ipoteka saru bi frodi tad-drittijiet tas-socjeta` attrici,

3. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jircievi u jippublika l-att relattiv ta’ rexxissjoni, fil-gurnata, hin u lok li jigu ffissati minn din il-Qorti u,

4. Tinnomina kuraturi ghall-eventwali kontumacja tal-konvenuti - kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-19 ta’ Novembru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Maria Isabella *sive* Marisa Turkdogan datata 6 ta’ Frar 2003 (fol 32) fejn esponiet: -

1. Illi fl-ewwel lok, mhuwiex minnu illi l-kostituzzjoni ta’ debitu pubblikat fl-atti tan-Nutar George Bonello Du Puis

tal-4 ta’ Awwissu 1998 u l-ipoteki relattivi huma revokabbli u annullabli fil-konfront tas-socjeta` attrici;

2. Illi fit-tieni lok, lanqas ma huwa minnu illi l-kuntratt u ipoteki relattivi saru bi frodi tad-drittijiet tas-socjeta` attrici; ghal kuntrarju, il-kuntratt u ipoteki relattivi in kwistjoni saru *in buona fede,* kif ghandu jirrizulta ahjar waqt is-smigh tal-kawza;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-suespost meta sar il-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu u l-ipoteki relattivi, l-eccipjenti ma kenitx debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammonti indikati fic-citazzjoni.

4. Illi fir-raba’ lok, ma jissustixxux l-estremi sabiex tigi ezercitata l-azzjoni odjerna.

5. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta inkluz dak tat-18 ta’ Mejju 2006 (fol 226) fejn il-Qorti, fuq talba tal-Avukati tal-partijiet ordnat li t-trattazzjoni tal-gheluq issir permezz ta’ noti ta’ sottomissjonijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fin-nuqqas ta’ xkiel ghat-30 ta’ Novembru 2006.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici datata 30 ta’ Mejju 2006 a fol 227 et seq tal-process.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut Vincent Camilleri datata 30 ta’ Gunju 2006 a fol 243 et seq tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuta Maria Isabella *sive* Marisa Turkdogan et datata 29 ta’ Settembru 2006 a fol 254 et seq tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mit-30 ta’ Novembru 2006 sal-31 ta’ Ottubru 2012 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-kawza dejjem baqghet differta ghas-sentenza.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Frar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum pesjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-16 ta’ April 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### A L-AZZJONI ATTRICI

Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta` attrici qed titlob it-thassir u annullament tal-att ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn il-konvenuta Maria Isabella *sive* Marisa Turkdogan u missierha, il-konvenut Vincent Camilleri, ippubblikat minn Nutar Dottor Bonello Dupuis fl-4 ta' Awwissu 1998, kif ukoll tal-iskrizzjoni ipotekarja li ggib in-numru 10616 tal-istess sena. Is-socjeta` attrici tikkontendi li l-ftehim ta’ kostituzzjoni ta’ debitu iffirmata bejn il-konvenuta u missierha huwa frawdolenti u intiz biex jigu eluzi d-drittijiet tal-istess socjeta' naxxenti mill-*management agreement* (**DOK A)** u li ghalhekk dan il-ftehim kif ukoll l-iskrizzjoni ipotekarja imsemmija saru b'qerq u frodi tad-drittijiet taghhom u huma nulli. Essenzjalment din l-azzjoni esperita mis-socjeta` hija l-*actio pauliana vel revocatoria.*

Il-fatti li taw lok ghall-kaz huma, fil-qosor, is-segwenti. Fit-tmienja (8) ta' Mejju 1997, is-socjeta` attrici u l-konvenuta Maria Isabella *sive* Marisa Camilleri ffirmaw “*Management Agreement’* li permezz tieghu l-konvenuta kienet inghatat l-inkarigu sabiex tamministra l-post bl-isem *"Jumbo Lido"* ghall-perjodu ta' sitt snin skont il-kondizzjonijiet imfissra fl-istess ftehim anness bhala **DOK A** mal-att tac-citazzjoni.

Skont dan il-ftehim il-konvenuta *inter alia,* kellha tippercepixxi kwalsiasi profitt rizultanti mill-amministrazzjoni tal-fond, izda dan bil-kundizzjoni li thallas lis-socjeta` attrici kumpens ammontanti ghal Lm20,000 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem. Il-perjodu tal-ftehim kien ta' sitt (6) snin mid-data tal-att. Il-kumpens ghall-ewwel sentejn, ammontanti ghal Lm40,000, kellu jithallas bil-quddiem mal-iffirmar tal-ftehim. Fil-fatt il-konvenuta giet akkordata terminu ghall-hlas ta' dan l-avvanz u rrizulta li hallset Lm35,000 biss u ebda ammont iehor ma thallas tul il-perjodu shih tal-ftehim minnkejja interpellanzi u anke sentenzi li ghaddew in gudikat esibiti in atti.[1] Skont is-socjeta' attrici, fil-perjodu tal-prezentata tal-kawza, id-dejn tal-konvenuta tela' ghal Lm100,000.

Gara li rrizulta lis-socjeta` attrici mir-ricerki li saru fuq il-konvenuta li posterjorment ghall-iffirmar tal-*management agreement,* kienet giet iskritta ipoteka specjali kontra l-konvenuta favur il-konvenut missierha Vincent Camilleri fuq iz-zewg proprjetajiet immobbiljari taghha *oltre* ipoteka generali. Irrizulta wkoll li iffirmat att ta' kostittuzzjoni ta' debitu favur missierha fl-ammont ta’ Lm100,000 mislufin lilha *brevi mamu* fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupuis fl-4 ta Awwissu 1998[2]. Dawn iz-zewg proprjetajiet huma zewg appartamenti, senjatament, l-appartament bin-numru 6, fil-blokk bl-isem *Silver Seas Court*, f'Windsor Terrace, Sliema, u l-appartament li jgib in-numru hmistax (15) fil-blokk bl-isem f'*Verdemar Park,* fi triq bla isem li tisbokka f'Salina Coast Road, Salina.

B'konsegwenza ta' dan, il-konvenuta ddenudat il-patrimonju taghha minn dawn il-beni u b'hekk, skont is-socjeta` attrici, gabet ruhha fl-impossibbilta` li tonora l-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha u dan b'qerq u frodi li illedew id-drittijiet tal-istess socjeta` attrici.

## B L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI

[1] Dokti G,H,I u J a fol. 70,75,93 u 97 rispettivament tal-process.
[2] Dokti B u E a fol 12 u 65 tal-process rispettivament.

Filwaqt li l-konvenut Vincent Camilleri huwa kontumacji, il-konvenuta essenzjalment irrespingiet l-allegazzjoni li l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu saret in *mala fede* u *inoltre*, fiz-zmien meta iffirmat dan l-att ma' missierha, ma kenitx debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm100,000.

## C XHIEDA U PROVI PRODOTTI

Is-socjeta` attrici ressqet bhala prova lid-diretturi taghha, Frank Fenech u Dr Peter Fenech, li xehedu permezz ta' affidavits, u lil Marisa Turkdogan in subizzjoni, kif ukoll esebew provi dokumentarji nkluzi r-ricerki tal-konvenuta u kopji ta' sentenzi ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu li ottjenew kontra l-konvenuta,

**MARISA TURKDOGAN** imsejha in subizzjoni:[3] xehdet li fir-rigward tal-appartament f'Windsor Terrace mixtri mis-socjeta` Windsor Development Company Limited "*ghadni ma hallastx lil missieri l-prezz taghha...anke fir-rigward tal-proprjeta' li tinsab is-Salini, jien ghadni ma hallastiex...ghandi nghid li fil-kaz taz-zewg proprjetajiet, minn mindu ksibthom ma hallast xejn mill-prezz."* Ukoll li "*fl-epoka li ksibt il-proprjetajiet, missieri ma kienx silifni flus pero' rrid infisser li missieri ghadu ma thallasx tal-prezz imsemmi fuq il-kuntratti ghar-rigward ta' dawk il-postijiet. Ma nistax nghid bi precizjoni jekk fiz-zmien illi ksibt dawk il-proprjetajiet, missieri kien silifni xi somom ta' flus ohra ghal skopijiet ohrajn."*

Matul l-ewwel xhur tas-sena 1998, il-Lido garrab hsarat kbar b'konsegwenza ta' maltempata u ghalkemm fethu fis-sajf, operaw biss minn parti tal-Lido. Hi rrakkontat li kien gie rapprezentant assikurattiv izda s-socjeta` attrici ppretendiet li t-tiswijiet isiru minnha l-ewwel. "*Wara meta sibna li ma stajniex nibqghu noperaw il-Lido minhabba l-hsarat estensivi li kellu, bdejna nitolbu lill-kumpanija attrici biex tiehu l-post lura imma dawn ma accettawx.*"[4]

[3] Fol 44 et seq
[4] Fol. 48

F'xhieda ohra taghha,[5] ikkonfermat li missierha hu direttur u azzjonist tas-socjeta` Winsdor Development Company Limited u li Glorianne Jovanovski, l-azzjonista l-ohra, hija ohtha. Benjamin u Victor Camilleri huwma zijiet taghha u Kenneth Camilleri hu l-kugin taghha.

Mistoqsija jekk missierha qatt taha Lm100,000 wiegbet li "*Nahseb illi s'issa tani Lm100,000. Nghid li dawn il-flus kienu inghaddew b'self niftakar b'mod partikolari meta konna hadna l-Lido, f'liema okkazjoni kien ghaddieli xi Lm35,000, hallasli l-flat ukoll, tani l-flus biex nixtru l-equipment tal-Lido fil-1997 u l-ammont kien cifra sostanzjali li m'hiniex certa kemm kienet. Kif inghaddew dawn il-flus ma niftakarx ezatt."* Sussegwentement ammettiet li meta akkwistat iz-zewg appartamenti ma hallset xejn mill-prezz. "*Il-flus harighom missieri. Qatt ma kelli flus biex nixtri dawk il-proprjetajiet u l-flus li silifni missieri ma tajthomlux lura*."

Hi kkonfermat ukoll li minnkejja li giet ikkundannata thallas ammonti likwidati b'sentenzi tal-Qorti lis-socjeta` attrici, baqghet ma hallset xejn.

**Frank Vincent Fenech,** Direttur u azzjonist tas-socjeta` attrici fl-affidavit tieghu[6], iddikjara li V.A.B Company Limited kienet dahhlet f'negozjati li bdew minn tal-anqas sena qabel mar-ragel tal-konvenuta, Kartal Turkdogan. Ikkonferma li hi ffirmat il-ftehim u hallset Lm35,000 mill-ammont ta' Lm40,000 pattwit bejniethom. "*Dan kien gie accettat kemm minhabba l-buona fede taghna, kemm minhabba r-relazzjonijiet tajbin li kellna, kif ukoll minhabba li ma deherx li seta' kien hemm problemi biex dawn jithallsu. Wara li ghadda z-zmien u minhabba skuza jew ohra dawn ma thallsux, bdejt regolarment nitlob il-hlas, ghall-ewwel verbalment u anke wara permezz ta' faxes...Sa' dan iz-zmien il-konvenuta fethet ir-restaurant u kienet qieghda toperah kuljum, filghodu u filghaxija..... Naf li f'April kien hemm xi maltempata u l-Jumbo Lido sofra xi hsarat. Minn hemm 'il quddiem il-konvenuta bdiet issostni*

[5] Fol. 193 et. seq.
[6] Fol. 181.

*li ahna konna b'xi mod responsabbli, kif, sallum, qatt ma fhimt - kif ukoll ziedet tghid li xi apparat ma kienx qed jahdem."* Hu kkonferma li l-Lido kien assikurat izda ma setghux jaghmlu *claim* ghaliex il-konvenuta qatt ma gabet ricevuta tal-affarijiet mixtrija u/jew tal-hsarat.

Ix-xhud stqarr li "*L-ipoteka favur missierha saret proprju fiz- zmien meta din bdiet tirrifjuta tikkomunika maghna ghal ammont ta' Lm100,000 li evidentement kopra kull ammont li hi setghet tkun responsabbli ghalih fil-futur. Nghid li din l-ipoteka kienet u hija falza intiza sabiex VAB Co Ltd qatt ma tigbor flusha dovuti mill-konvenuti."*

Din ix-xhieda hija korroborata mix-xhieda tad-direttur l-iehor tas-socjeta` attrici l-**Avukat Peter Fenech.**[7]

Dan ix-xhud qal ukoll li kien anke kkomunika ma' missierha dwar il-bilanc ta' Lm5,000 li kien ghadu dovut. Hu spjega li missierha ma kienx parti mill-ftehim izda kien attenda ghal xi laqghat fejn gew diskussi l-kundizzjonijiet tal-ftehim. Ir- risposta tieghu dejjem kienet "*kellmu lit-tifla*." Hu xehed li l- problemi ta' komunikazzjoni mal-konvenuta bdew wara l- maltempata qawwija li laqtet ir-*restaurant* ghal habta ta' Marzu (1998). "*Minkejja li kienet inxurjata naqset taghti dettalji ghall-'claim' dwar il-hsarat u dan minkejja insistenza kbira da parti tieghi u ta' missieri. Dan kien qed isir ghaliex il-konvenuta kienet qieghda tallega li ahna kellna xi responsabbilta' f'dak li sehh. Kif ukoll bdiet tghid li l-apparat fir-restaurant ma kienx jahdem tajjeb. Ta' min jghid li qabel din il-gurnata qatt la semmiet xejn jew kitbet dwar dan."*

Jirrizulta li sar '*claim'* u ammont ta' kumpens thallas.[8]

Il-konvenuta qatt ma regghet hallset xejn minn dak dovut lis-socjeta` attrici."*Sallum l-ammont dovut bl-ispejjez legali u nteressi jeccedi Lm100,000."*

---

[7] Col. 184 et. seq.

[8] Xhieda tar-rapprezentant tal-Melita Insurance Agency Limited a fol. 249

Xehed ukoll li *"Dan l-ammont ipotekat jistona aktar u aktar minhabba l-fatt li ftit qabel ma gie registrat kien hemm breakdown fil-komunikazzjonijiet u relazzjonijiet bejn il-partijiet odjerni. Is-socjeta` kienet tikteb dejjem biss, risposti qatt ma tircievi. Kif ukoll mill-ammont moghti kieku verament moghti, kienet thallas l-ammont ta' Lm5,000 dovuti minn ferm qabel. "*

Hu ddepona li l-konvenuta kemm-il darba kienet tghidlu li qatt m'hu ser jara sold iktar. Hu kompla jsostni li *"din l-ipoteka li saret bejnha u missierha li hu negozjant u konversanti b'dawn l-affarijiet saret proprju sabiex issir impossibbli li s-socjeta` attrici tithallas dak dovut lilha - sar bi frodi bejniethom a detriment tas-socjeta` attrici."*

Mid-dokumenti esibiti mis-socjeta` attrici jirrizulta li b'kuntratt datat it-30 ta' Dicembru 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupuis, il-konvenuta kienet akkwistat l-appartament 6, *Silver Seas Court, Windsor Terrace, Sliema*[9] mis-socjeta` *Windsor Development Company Limited*. Mill-istatut tas-socjeta` imsemmija, esibit bhala **DOK K**[10] jirrizulta li l-azzjonisti tas-socjeta` huma l-konvenut Vincent Camilleri, Glorianne Jovanvoski, oht il-konvenuta, u kumpanija F&F Trust Services Limited, filwaqt li d-diretturi huma Glorianne Jovanovski u Benjamin Camilleri.

Mill-kuntratt datat l-10 ta' April 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri jirrizulta li l-konvenuta kienet akkwistat l-appartament 15 *Verdemar Park*, fi Triq bla isem li tisbokka f'Salina Coast Road is-Salina l/o Naxxar, minn erba' kumpaniji fosthom *Land Investments Limited*, fejn l-azzjonist maggoritarju huwa Victor Camilleri u Salina Investments Limited, fejn l-azzjonisti huma Benjamin Camilleri, Mark u Kenneth Camilleri[11].

Jirrizulta mill-atti li s-socjeta` attrici ressqet diversi proceduri kontra l-konvenuta li baqghat moruza fil-hlasijiet pattwiti u ottjeniet sentenzi li permezz taghhom giet

[9] **Dok. C** a fol. 59
[10] Fol. 104
[11] **Dokti. D, L u M .**

ikkundannata thallas il-bilanc dovut rispettivament ta' Lm5,000[12], Lm23,000 ( ghall-perjodu minn Mejju 1999 sa Mejju 2000 *piu* 15% VAT ammontanti ghal Lm3,000)[13], Lm20,000 (ghall-perjodu minn Mejju 2000 sa Mejju 2001)[14], u Lm23,000 (ghall-perjodu minn Mejju 2001 sa Mejju 2002)[15].

**Il-konvenuta** pproduciet bhala xhud lill-konvenut missierha **Vincent Camilleri.[16]** Hu xehed "*lit-tifla kont tajtha l-flus, hu zgur."* Skont ix-xhud, kien ivversa iktar minn Lm100,000 ghat-tifla - anzi ammont qrib Lm105,000. Esebixxa ittra lill-Bank **(DOK VC10)[17]** fejn is-socjeta` Windsor Development Co. Ltd qed tipprometti li tiddeposita Lm35,000 mill-bejgh tal-appartament numru 6, akkwistata mill-konvenuta. Din l-ittra hija datata t-28 ta' Novembru 1996, cioe` sentejn qabel ma gie ppubblikat l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu. Esebixxa wkoll *deposit slip* li juri li l-ammont ta' Lm35,000 gie depozitat fil-*loan account* tas-socjeta` imsemmija. (**DOK VC2)[18]**. Dan id-*deposit slip* hu datat il-31 ta' Dicembru 1996. Skont ix-xhud, il-flus li ta lil bintu, apparti din is-somma kienu s-segwenti: Lm14,000 ghall-appartament is-Salina, il-*finishing* tal-appartament tas-Sliema ammontanti ghall-*circa* Lm20,000 ("*Jiena iffinixjajtu u kollox - ghamiltu komplut minn kollox bil-lift jigifieri")* u Lm35,000 fuq il- *management agreement* mas-socjeta` attrici, u spejjez ta' *equipment* fil-Lido, u dan *oltre* l-ispejjez notarili u tal-bolol ghall-akkwist tal-appartament li hallashom hu wkoll.

Dwar il-*flat* tas-Salina, hu spejga li dan kien blokk ta' appartamenti li kienu jappartjenu lill-erba' kumpaniji nkluz il-kumpanija tieghu, u kienu baqghu xi appartamenti u certu *garages*, li l-kumpaniji qasmuhom bejniethom.

---

[12]**Dok. G** a fol. 70 **:** *VAB Company Ltd -v- Marisa Camilleri Cit 748/99 GV. Din is-sentenza ghaddiet in gudikat -vide verbal a fol 192.*

[13] **Dok. H a** fol 75 :*V.A.B Company Ltd -v- Marisa Turkdogan Cit. 1185/99 RCP deciza fit-28 ta' Frar 2002 - din is-sentenza giet appellata u kkonfermata fl-Appell.*

[14] **Dok. I** a fol. 93: *V.A.B. Company Ltd* **-***v- Marisa Turkdogan ,* Cit. 2110/00 GCD dec. fl-1 ta' Marzu 2002

[15] **Dok.J** a fol. 97: *V.A.B Company Ltd -v- Marisa Turkdogan* Cit.1631/01 GV dec. fil-21 ta' Gunju 2002, fejn tirrizulta kontumaci.

[16] Fol. 197 et. seq.

[17] Fol.210.

[18] Fol.211.

Mistoqsi jekk bintu hallsitx ghal dan l-appartament, wiegeb *"Le".*

Hu xehed li stenna sal-4 ta' Lulju, 1998 biex jaghmel kostituzzjoni ta' debitu "*ghaliex it-tifla kienet izzewget u r-ragel taghha beda jarmi biex jghid hekk il-flus, u ridt nara li mhux ha tigi b'xejn....L-iskop kien minnhabba l-inkwiet ma' dan ir-ragel ta' nazzjonalita` barranija."*

Hu qal li beza' li allura r-ragel ta' bintu seta' jisparpalja l-proprjeta' ta' bintu. Izda meta gie mistoqsi dwar il-fatt li bejn bintu u zewgha kien hemm is-separazzjoni tal-beni - wiegeb[19]*" bil-ligi all right imma bi sforz u bil-glied u affarijiet ohra it's different hu".*

Rigward l-appartament f'tas-Sliema xehed li bintu l-ohra ukoll hadet appartament u rigward dan hareg il-flus hu stess. Xehed li hu hallas l-ammont ta' Lm35,000 muri fid-*deposit slip* **Dok. VC2.** Rigward il-*flat* is-Salini xehed li kien hemm divizjoni bejn il-koproprjetarji u anke skambju ta' flus "*accordingly biex kulhadd jigbor il-parti tieghu ghaliex il-valuri ma kienux indaqs."* Din il-Qorti tifhimha li saret ekwiparazzjoni bejn il-kondividenti.

Gie prodott rapprezentant mid-Dipartiment tal-Artijiet li esibixxa kuntratt datat it-3 ta' Ottubru 2005[20] bejn is-socjeta` attrici u l-istess Dipartiment, ghax-xoljiment tal-koncessjoni enfitewtika, f'liema att is-socjeta` attrici giet wkoll mehlusa minn kull ammont dovut lid-Dipartiment bhala arretrati ta' cens, (circa Lm108,281.70).[21]

## D. PRINCIPJI LEGALI TAL-"*ACTIO PAULIANA*"

Illi l-azzjoni li qed tigi proposta hija dik *ai termini* tal-Artikolu **1144 tal-Kap 16** li tipprovdi illi*:-*

*(I) "Kull kreditur jista' wkoll, f'ismu, jattakka l'atti maghmula b'qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-*

---

[19] **Dok. VC3** a fol 212 datat l-15 ta' Ottubru 1997
[20] **Dok. VGA** a fol. 213.
[21] Fol.252.

*beneficcju tal-eskussjoni taht id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 795 sa' 801 tal-Kodici tal-Organizzazzioni u Procedura Civili."*

*(2) "Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu oneruz, il-kreditur ghandu jipprova li hemm qerq min-naha taz-zewg partijiet fil-kuntratt*."

Il-principji legali rigwardanti l-*actio pauliana vel revocatoria* huma stabbiliti fil-gurisprudenza u fid-dottrina u din il-Qorti ser taghmel riferenza ghall-uhud mis-sentenzi li ggwidaw il-Qrati taghna.

Huwa risaput li din l-azzjoni hija miftuha *"ghal kull min ghandu azzjoni x'jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obbligazzjoni b'mod li jista' jisperixxi tali azzjoni kull min jinsab ippregudikat bil-fatt ta' haddiehor b'atti kompjuti mid-debitur"*[22]. Huwa rimedju generiku u komprensiv moghti lil kull kreditur biex dan jesigi dak li hu dovut lilu.[23]

Inoltre *"Id-duttrina u l-gurisprudenza pero' ma jinsistux li huwa l-kreditur li jrid jezawrixxi r-rimedji kollha li ghandu kontra d-debitur, izda d-debitur jista', jekk irid, ixejjen l-azzjoni pauliana billi jindika lill-kreditur assi ohra tieghu li fuqhom il-kreditur jista' jesegwixxi. Hu d-debitur li jrid juri li hu solvibbli u mhux il-kreditur li jrid juri li d-debitur tieghu hu insolvibbli.*[24]

Illi fis-sentenza **"Anna Bellia vs Victor Grech et" (A.C. 6 ta' Ottubru 1999)** gie ritenut illi tali "*Actio Pauliana*" ghandha zewg rekwiziti essenzjali u dawn jikkonsistu fl-elementi ta' frodi u dak tad-dannu derivanti mill-istess att rekriminat. In effetti l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet illi:-

"*Il-frode f'din l-azzjoni hi element ta' sostanza u objettiv u tista' timmanifesta ruhha taht diversi aspetti. Tista' tkun*

---

22 PA (TM) ***Zammit Tabona Moira vs Silmer Limited et*** deciza 13 ta' Frar 2003; App.Civ. ***Vella Brigitte vs Vella Richard*** et deciza 27 ta' Frar 2003

23 11 App.Civ. ***Bongailas Marco vs Magri John*** et deciza 15.01.2002

24 Qorti Kum. ***Hare vs Diacono*** deciza fid-29 ta' Marzu 1920 – Vol.XXIV.III.789; PL.***Adrian Borg nomine vs Agostino Sive Winston Carbone*** *(supra)***;**

*indiretta jew oggettiva u l-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega l-frodi u jittenta l-azzjoni revokatorja, ghaliex il-frode fil-kuntratt ma jistax jigi prezunt. ld-dannu jista' jkun u generalment ikun attwali u cert, imma jista' jkun ukoll tali fl-evidenza u certezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta' garanziji tal-krediti. ld-dannu* jrid ikun idderiva direttament mill-att impunjat"'. **(Vol.XLV.I. 1.700).**[25]

Illi fis-sentenza "**Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima et**. (App. 10 ta' Jannar 1955 - XXXVIII /XXXlX.1.24) gie ritenut illi l-azzjoni pawljana hija intiza sabiex "*tattakka l-attijiet maghmula b'qerq mid-debituri taghhom bi hsara tad-drittijiet taghhom, u tali azzjoni hija utilizzabbli biss mill-kredituri, b'dan li jehtieg li jkun jezisti kreditu favur l-attur*" (**Giorgi. Obblig. Vol.lI.para 263**). L-istess sentenza tkompli tghid illi "*mbaghad biex il-kreditur jkun jista' jezercita din l-azzjoni, hemm bzonn ta' zewg elementi - l-"**eventus damni**" lill-kreditur domandanti, u l-"**consilium fraudis**" tad-debitur. U meta jittratta minn att b'titolu oneruz, anki l-komplicita' tat-terz kontraent - 'fraudis non ignorantia ex parte tertii*".

Illi ghalhekk essenzjalment tali azzjoni hija moghtija kemm lill-kreditur pekunarju, imma wkoll lil "*kull persuna titolari ta' dritt valutabbli pekunjarjament, li jsib ruhu defrawdat permezz ta' atti li jimpeduh, jekk ma jigux annullati, illi jara li jigu soddisfatti d-drittijiet tieghu*" (Vol. ***XXVIII.i.254***) Taht dan l-aspett, u jekk jikkonkorru l-kondizzjonijiet kollha, l-attur jista', u ghandu, jigi kkunsidrat bhala kreditur ghall-finijiet tal-azzjoni minnu ezercitata.

Illi normalment il-kreditu ghandu jkun anterjuri ghall-att impunjat[26] imma din ir-regola lanqas hija assoluta, ghaliex tezisti l-ipotesi meta l-att frawdolenti jkun gie maghmul ghall-oggett preciz li jigu defrawdati l-kredituri futuri. (**Vol.XXVIII.i.254**). Tal-istess fehma huwa l-*Baudry* li hu tal-opinjoni li jekk il-frodi kienet antecedenti ghall-kreditu, tikkostitwixxi frodi pawliana. "S*e la frode e stata organizzata per nuocere a colore che contrattassero in*

---

[25] H.S.B.C.Bank (Malta) Plc. -v- Fenech Estates Company Ltd et. PA(RCP) dec. fil-19 ta' Jannar 2000
[26] **Giorgi.** Ibid. para. 264 )

seguito del *debitore"* allura l-*actio pauliana* jista' jigi esperit b'success.[27]

## E. EVENTUS DAMNI

Illi kwantu ghall-elementi tal-istess azzjoni fuq indikati, l-"*eventus damni*" skont is-sentenza fil-kaz "**Gio Maria Chircop vs Rosario Mifsud**" (P.A. 25 ta' Jannar 1954 - XXXVIII.ii.424.) jikkonsisti fil-fatt li "d-debitur permezz tal-att tat-trasferiment impunjat, isir insolventi, jew almenu l-pozizzjoni tieghu ssir aghar minn dik li kienet qabel dak l'att, ghalhekk l-istess dannu jissarraf "*fil-pregudizzju li jsofri l-kreditur mill-fatt tad-debitur u l-pregudizzju jivverifika ruhu appuntu meta bil-fatt tieghu d-debitur jilledi d-dritt kreditorju"*. Id-domanda li trid issir ghall-fini tal-"eventus damni" hija din: bl-att jew bl-atti impunjati, id-debitur jkun almenu ppeggjora l-pozizzjoni finanzjarja tieghu bi hsara tal-kreditur domandanti? Jekk it-twegiba hija fil-pozittiv, allura dan l-element ikun gie ppruvat.

Hu d-debitur li jrid juri li hu solvibbli, u mhux il-kreditur li jrid juri li d-debitur tieghu huwa insolvibbli. Fi kliem iehor, il-ligi taghti lid-debitur, id-dritt li jecepixxi l-*"beneficium escussionis"* billi, b'notaipprezentata fl-atti tal-kawza, jindika assi ohra ta' valur sufficjenti biex taghmel tajjeb ghall-kreditu tal-attur. Jekk jirrizultaw assi sufficjenti, jonqos l-element tal-*eventus damni jew damni* li hu wiehed mill-elementi tal-azzjoni pauliana.[28]

## F. CONSILIUM FRAUDIS

Illi min-naha l-ohra permezz tal- "*consilium fraudis"* joperaw u jikkompletaw ruhhom vicendevolment il-volonta' u l-previzjoni **(Francis Grima vs Teresa Kelly** *et nomine* fl- Appell - 24 ta' Frar 1967) u dan l-element fis-sentenza gia citata "**Anna Bellia vs Victor Grech et**" gie mfisser hekk-

---

[27] VOL XII "Delle obligazioni (vol I )*Trattato Teorico Pratico di diritto civile* "P. 780

[28] *PL Adrian Borg noe v Agostino sive Winston Carbone* PA TM 30.5.2002

"*Ghad-debitur il-'consilium fraudis' jikkonsisti f'illi huwa jkun jaf li qieghed jirrendi ruhu insolventi bis-sahha tal-att minnu kompjut ossia jkun qieghed jidhol fil-kondizzjoni ta' insolvenza jew ta' minorata solvibilita'. Ghat-terzi jirrikorri l-'consilium fraudis' kull meta filwaqt li jkun qieghed jikkontratta mad-debitur, huwa jaf illi qieghed jaghmel negozju giuridiku li huwa ta' hsara ghall-kreditur* **(XXXIV.iii.851)".**

Illi dan ma jfissirx illi hemm bzonn li jezisti "l-*animus nocendi*" sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici, izda "*huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previzjoni li l-att sejjer ikun lesiv ghall-kreditur*". **("Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima et"** - 10 ta' Jannar 1995).

Din il-Qorti diversament presjeduta, fil-kaz **Brigitte Vella v Richard Vella et**[29] addottata fl-intier taghha mill-Qorti tal-Appell,[30] ghamlet anke referenza ghad-dottrina legali minn awturi fis-sens li "*imqar fejn att ikun sar b`ghan onest, fejn xorta wahda wiehed seta` jipprova li bl-effett tieghu dan ser jaghmel hsara lill-kredituri, hemm dejjem il-"consilium fraudis*". *Dan ghaliex min ikun jaf bl-effett ta' xi att, u b`danakollu jrid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li huwa jrid ukoll dak l-effett, u dan ghaliex kif jelabora l-awtur* ***Solazzi*** *(ara "Revoca degli Atti Fraudolenti") "la rapprezentazione dell`effetto della propria azione costituisce il contenuto della volonta`*".

**Ikkonsidrat** li kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza *"**Camilleri vs Agius**"* deciza fit-23 ta' Novembru 1934, b'approvazzjoni tal-argumenti mressqa mill-*Baudry, "la frode pauliana diferisce notevolmente dal dolo, nel senso che non suppone come questo l'uso di manovre sleali. Non e' nemmeno necessario che il debitore abbia agito coll'intenzione di nuocere ai suoi creditori; basta che abbia avuto conoscenza del pregudizio che cagionava loro."*

---

[29] *Brigitte Vella v Richard Vella et*. PA GV 26/10/2001 .
[30] *Brigitte Vella v Richard Vella et*. App Civ. 27/2/2003 .

Hekk ukoll l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **“Pace vs Portanier”** deciza fid-29 ta’ Marzu 1957, osservat *“illi l-intenzjoni frawdolenti tad-debitur hija prezunta meta huwa jkun ghamel l-att pregudizzjevoli ghall-kreditur filwaqt li kien jaf li gja kien insolvibbli, jew li jsir insolvibbli b’dak l-att; u din ix-xjenza da parti tieghu ghandha tigi facilment ammessa, billi hija inverosimili li wiehed ma jkunx edott mill-affarijiet tieghu sa dak il-punt”.*

## G. PARTECIPATIO FRAUDIS

Peress li l-att impunjat, kif ukoll l-iskrizzjoni ipotekarja li saret kontestwalment mal-att, huwa kuntratt b’titolu oneruz, hu mehtieg ukoll prova tal-*partecipatio fraudis* da parti tat-terz. Anke hawn, kif intwera, mhux mehtieg prova tad-*dolo*, izda li t-terz jaf li qieghed jaghmel negozju guridiku li huwa ta’ hsara ghall-kreditur. Skont il-gurisprudenza, l-element tal-frodi tat-terz akkwirent jikkonfigura meta dan ikun jaf bil-kondizzjoni finanzjarja prekarja tad-debitur **(Vol. XXXVIII.II.424)** – “*fraudis non ignorantia ex parte tertii*" (ara il-kawza ccitata **Ciancio vs Buontempo**).

Din il-Qorti, fil-kawza “**Chircop vs Mifsud”** deciza fil-25 ta’ Jannar 1954, kienet osservat illi bi frodi tat-terz akkwirent, ghandu jiftiehmu "*n-notizja li dan kellu tal-istat tad-debitur*.[31]

Rigward it-terz, il-*Baudry* hu tal-fehma li "*A cagione dell' obligazione che per principio, combe su questo punto ai creditori, il terzo che e stato parte nell' atto impugnato puo' esigere la escussione degli altri beni del debitore, ogni volta che questa misura sia necessaria a dimostrarre l'insolvibilita' di esso. Ma se' il terzo si astiene dal proporre questo mezzo, i guidici non possono ordinare d'ufficio la escussione perche in questo caso, il silenzio serbato del convenuto <u>deve essere considerata come un</u>*

[31] *Moira Zammit Tabona et v Simlar Ltd et*. PA(TM) Dec. 13/3/2003

*riconoscimento tacito dell insolvibilita del debitore*"[32](sottolinear tal-Qorti).

## H. APPLIKAZZJONI GHALL-KAZ ODJERN.

**Ikkonsidrat** li minn apprezzament tal-provi jirrizulta li l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex tirnexxi l-*actio pauliana* huma sodisfatti.

Kif graw il-fatti, il-komunikazzjoni bejn il-konvenuta u s-socjeta' attrici spiccat ghal kollox wara li l-*Jumbo Lido* inhakem b'maltempata li kkagunat bosta hsarat. Kull tentattiv da parti tas-socjeta` attrici biex tikkomunika mal-konvenuta wara dan l-akkadut sfaxxa fix-xejn u lanqas kuntatti ma' missierha, il-konvenut Vincent Camilleri, wasslu sabiex jigu ri-stabbiliti rapporti bejn il-partijiet - wisq inqas ghall-otteniment tal-hlas tal-bilanc rimanenti ta' Lm5,000 dovuti mal-iffirmar tal-*management agreement.*

Kien f'dan iz-zmien li gie ffirmat l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu u l-iskrizzjoni ipotekarja li qed jigu kkontestati b'din il-kawza. Kif xehed l-Avukat Peter Fenech "*Dan l-ammont ipotekat jistona aktar u aktar minnhabba l-fatt li ftit qabel ma gie registrat kien hemm breakdown fil-komunikazzjonijiet u relazzjonijiet bejn il-partijiet odjerni. Is-socjeta` kienet tikteb dejjem biss, risposti qatt ma tircievi.*"[33] Ukoll kien f'dan iz-zmien, wara l-maltempata li l-istess konvenuta xehdet li talbet li l-*management agreement* jigi xolt, u allura tigi mehlusa mill-obbligazzjonijiet ta' hlas minn hemm naxxenti, izda din it-talba ma gietx accettata.

Ma hemm ebda dubju li bl-iffirmar tal-kuntratt ma' missierha, il-konvenuta kienet ben konsapevoli u kellha x-xjenza rikjesta mil-ligi, li kienet qed taghmel hsara konsiderevoli lis-socjeta` kreditrici billi tnaqqas sostanzjalment il-garanzija ghall-hlas tal-krediti taghha. La hi u lanqas il-konvenut missierha issollevaw il-beneficcju tal-eskussjoni f'dawn il-proceduri. Dan kien ikun mezz

---

[32] Ibid pp.681.
[33] Vide *ante.*

biex ixejnu t-talbiet odjerni u juri lill-Qorti li pregudizzju ma kienx hemm. Dan l-iskiet da parti taghhom iwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li effettivament ma hemmx proprjeta' ohra li tista' toffri konfort ghall-pretensjonijiet, anzi krediti kanonizzati gudizzjarjament, tas-socjeta` kreditrici. Il-konvenuta hi stess ammettiet li kienet ghadha ma hallset xejn minnkejja s-sentenzi esibiti.

Ghar-rigward tal-konvenut Vincent Camilleri, din il-Qorti tosserva li s-socjeta` attrici kienet ikkomunikat mieghu peress li kien prezenti waqt in-negozjati fuq il-kondizzjonijiet tal-*management agreement.* Kien hu l-venditur tal-appartamenti lil bintu, *tramite* il-kumpaniji tieghu, u din il-Qorti wkoll m'ghandha ebda ombra ta' dubju li kien infurmat sew dwar il-finanzi u s-sitwazzjoni patrimonjali ta' bintu. Ghalhekk f'dan l-isfond, zgur li kien jaf li l-ftehim li kkonkluda ma' bintu kien ikollu l-effett li jnehhi jew jippregudika serjament kull garanzija ghall-hlas tad-dejn taghha favur il-kredituri taghha.

Ikkonsidrat ukoll li l-motivazzjoni tal-konvenut, u cioe' li ried jipprotegi l-interessi patrimonjali ta' bintu minn xi tberqiq li seta' jaghmel zewgha fiz-zmien ta' inkwiet matrimonjali, u anke biex jipprotegi l-pretensjonijiet tieghu. Dawn il-motivazzjonijiet, ghalkemm mhux nocivi fihom infushom, xorta wahda ma jezonerawhx mill-effetti tal-*actio pauliana* li ma tirrikjedix l-*animus nocendi* sabiex jikkonkorri l-*partecipatio fraudis,* imma biss il-konsapevolezza tal-istat finanzjarju ta' bintu u l-hsara konsegwenzjali ghas-socjeta` attrici *qua* kreditur taghha.

Il-konvenuta sostniet li meta ffirmat l-att ma' missierha, kienet biss debitrici fl-ammont ta' Lm5,000 lejn is-socjeta` attrici. Izda dan l-argument mhuwiex sostenibbli peress li kienet debitrici fl-ammont cert ta' Lm20,000 fis-sena ghall-perjodu shih tal-ftehim. Kienet taf sew li kien ser ikollha thallas dawn l-ammonti ghaliex ipprovat hi stess, inutilment, tinhall mill-ftehim. Kif din il-Qorti gja osservat *ante* r-regola li l-kreditu ghandu jkun antecedenti ghall-att impunjat mhuwiex assolut ghaliex tezisti l-ipotezi meta l-att frawdolenti jkun gie maghmul ghall-oggett preciz li jigu defrawdati l-kredituri futuri.

Il-konvenuti sostnew, izda, li Vincent Camilleri kien hareg flejjes sostanzjali ghal bintu, elenkati fix-xhieda tieghu, dan gja qabel ma ffirmat il-*management agreement* in kwistjoni. Is-socjeta` attrici, da parti taghha, irrilevat bosta inkonsistenzi fix-xhieda tal-konvenuti, l-iktar lampanti konsistenti fil-fatt li lanqas jaqblu bejniethom jekk flejjes sahansitra ghaddewx bejniethom. Skont Vincent Camilleri l-ammonti li avvanza sahansitra jeccedu s-somma ta' Lm100,000 likwidat bhala kreditu tieghu.

Izda anke jekk din il-Qorti hija konvinta li l-ammont kollu, jew almenu parti minnu effettivament gie mghoddi direttament jew indirettament b'self minn missier a favur ta' bintu, kif dikjarat fl-att impunjat, huwa fatt li meta allegatament ghaddew il-flejjes, is-socjeta' attrici, kienet inzammet totalment fl-oskurita' dwar il-pretensjonijiet tal-missier. Bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni ta' *bona fede* tant li s-socjeta` attrici akkordat terminu lill-konvenuta biex thallas l-ammont ta' Lm40,000 li suppost kellu jithallas mal-iffirmar tal-kuntratt. Is-socjeta' attrici ma talbet ebda kawtela ghall-hlas attwali u futuri ghaliex f'dak iz-zmien ma kien hemm ebda att pubbliku jew iskrizzjoni ipotekarja li setghet tqajjem fil-kreditur *in bona fede*, hsieb ragjonevoli dwar is-solvibbilta' tad-debitrici. Altrimenti s-socjeta` attrici kienet tista' tiehu l-prekawzjonijiet kollha biex tikkawtela l-pozizzjoni taghha.

Ikun perikoluz u ta' detriment ghall-htiega tal-protezzjoni ta' relazzjonijiet kummercjali *in bona fede,* jekk debitur ikun jista' jeludi l-kredituri tieghu, semplicement billi "jizvela" stat ta' insolvenza li kien zammu mistur mill-kreditur fiz-zmien tan-negozjati permezz ta' dikjataratorju bhall ma hu att ta' kostituzzjoni ta' debitu. Fil-kaz odjern, il-missier kien prezenti waqt in-negozjati bejn il-partijiet l-ohra, u kien mgharraf sew dwar il-kontenut tal-ftehim u anke li bintu kienet moruza fil-hlas. *Nonostante* cio` qatt ma ta' hjiel tal-krediti pretizi tieghu - skiet li jwassal lil din il-Qorti biex tifhem li hu u bintu agixxew bi skop li jingannaw il-vigilanza tas-socjeta` attrici li kienu jafu li gustament kienet ser ikollha kreditu kontra l-bint, u bi frodi ghall-istess.

Il-Qorti hi, ghalhekk, konvinta li l-kawza odjerna ghandha tirnexxi u sejra tiddikjara xolt u rexiss *"ope sententiae"* il-kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor George Bonello Dupuis fl-4 ta' Awwissu 1998 kif ukoll tikkancella u thassar l-iskrizzjoni tal-ipoteka generali u ipoteka specjali bin-numru 10616 tas-sena 1998.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa'** it-talbiet kollha attrici kif dedotti u b'hekk tirrevoka u thassar ghal kull fini u effetti tal-ligi il-kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor George Bonello Dupuis fl-4 ta' Awwissu 1998, bejn Vincent Camilleri u Maria Isabella *sive* Marisa Turkdogan, kif ukoll tirrevoka u thassar l-iskrizzjoni tal-ipoteka generali u ipoteka specjali bin-numru 10616 tas-sena 1998, u **tahtar** lin-Nutar Dottor Rachel Busuttil sabiex tircievi u tippubblika l-att relattiv ta' rexissjoni tal-kuntratt u iskrizzjoni ipotekarja, liema att ghandu jigi ppubblikat fl-edifizju tal-Qrati Superjuri ta' Malta fis-sebgha (7) ta' Mejju 2013 f'nofsinhar; u **tinnomina** lil **Dr. Anthony Cutajar** u lil **Dr. Carlo Bisazza** bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att tal-konvenuta Maria Isabella *sive* Marisa Turkdogan u tal-konvenut Vincent Camilleri rispettivament.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluzi l-ispejjez Notarili ghall-pubblikazzjoni tal-att ta' rexxissjoni u kancellament u ghall-iskrizzjoni tal-istess, u tal-kuraturi nominati, jithallsu mill-konvenuti *in solidium* bejniethom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------